MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 141/2003

**Carmel sive Charles jew Charlie Bianco f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer**

**Vs**

**Andrew Galea**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm923.68c (disa' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu) rappresentanti diversi kambjali mahruga minn Carmel Camilleri favur Carmel sive Charles Bianco ghall-ammont ta' Lm57.73c (sebgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur.

Il-konvenut naqas li jhallas (16) sittax-il kambjala ta' Lm57.73c (sebgha u hamsin lira Maltin u tlieta u sebghin

centezmu) kull wahda li mmaturaw fit-30 ta’ kull xahar bejn Gunju 2000 u Dicembru 2002.

Bl-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita’ tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluzi l-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju..

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------